# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 491/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Edmond Cuschieri)

vs

**Emanuele Micallef**

iben Carmelo, imwieled Pieta', fil-31 ta' Mejju, 1947, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 566247(M)

Illum, 21 ta' Gunju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Emanuele Micallef quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Gżejjer u ċioè nhar id-29 ta' Diċembru, 2012 għal ħabta tat-8.30 a.m. u fil-ġimgħat ta' qabel ġab ruħu b'tali mod li ta fastidju lil Nazzareno Gauci meta kien jaf jew imissu kien jaf li dan l-aġir kien ta' fastidju għall-imsemmija persuna.

Il-Qorti ġiet mitluba li jekk jidhrilha xieraq, biex tipprovdi għas-sigurtà ta' Nazzareno Gauci jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma flus li tiġi iffissata mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 ta' Ottubru, 2013 fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u illiberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar mil-lum ai terminu tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Emanuele Micallef tal-11 ta' Novembu, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet: "Il-Pulizija (Spettur Edmond Cuschieri) v. Emanuele Micallef", deċiża nhar il-31 ta' Ottubru, 2013 u konsegwentament tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u ħtija

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. L-ewwel aggravju

1.1. L-appellant jsostni li s-sentenza mogħtija kontra tiegħu mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hija nulla għaliex ma ngħatatx kif jgħid u jrid l-artikolu 377 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

1.2. L-artikolu 377 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi illi "Meta jingħalaq is-smigħ tal-kawża, il-qorti, dak innhar stess, jekk jista' jkun, tagħti s-sentenza, billi tillibera jew tikkundanna l-imputat.".

1.3. Fil-każ odjern, l-ewwel Onorabbli Qorti ma tatx is-sentenza "meta ingħalaq is-smigħ tal-kawża" iżda tatha qabel. Dana peress illi kif jirriżulta mis-sentenza miktuba mill-Maġistrat sedenti *di proprio pugno* fuq il-komparixxi tal-kawża odjerna, dik is-sentenza inkitbet u hija datata nhar l-10 ta' Lulju, 2013. Waqt is-seduta ta' nhar l-10 ta' Lulju, 2013 il-

prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha u xehed l-appellant, allura imputat, u il-kawża ġiet differita għas-seduta ta' nhar il-31 ta' Ottubru, 2013 sabiex jiġu eżebiti xi sentenzi u s'intendi jingħalaq l-istadju tal-provi tad-difiża u issir it-trattazzjoni. Fis-seduta ta' nhar il-31 ta' Ottubru, 2013 għalkemm ġew eżebti xi atti ta' proċeduri li jirrigwardaw lill-appellant u lil Nazzareno Gauci, l-appellant sostna li dawn ma kienux is-sentenzi li għalihom irrefera iżda l-ewwel Onorabbli Qorti għaddiet sabiex qrat is-sentenza li hija kienet ġjà kitbet fl-udjenza preċedenti ta' nhar l-10 ta' Lulju, 2013 mingħajr ma tat l-ebda opportunità lill-appellant li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu u dana proprju għaliex il-Maġistrat sedenti nduna li s-sentenza kienet ġjà miktuba.

1.4. L-appellant isostni li dan iġib in-nullità tas-sentenza appellata għar-raġuni li l-ewwel Onorabbli Qorti ma mexietx bl-ordni li jrid l-artikolu 377 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex effettivament tat is-sentenza qabel ma ngħalaq is-smiegħ tal-kawża u saret it-trattazzjoni. L-esponenti jaf li jeżistu sentenzi ta' dina l-Onorabbli Qorti li jgħidu illi dak li jitniżżel fuq il-komparixxi huma l-appunti tal-Maġistrat sedenti iżda f'dan il-każ dak li hemm imniżżel fuq il-komparixxi huwa kelma b'kelma dak li hemm imniżżel fuq is-sentenza appellata bid-differenza li filwaqt illi s-sentenza miktuba fuq il-komparixxi iġġib id-data ta' nhar l-10 ta' Lulju, 2013 is-sentenza għandha d-data ta' nhar il-31 ta' Ottubru, 2013.

1.5. Kif ġjà ingħad dan ifisser li effettivament l-ewwel Onorabbli Qorti kienet ġjà ddeċidiet il-kawża kontra l-appellant dak in-nhar tas-seduta ta' nhar l-10 ta' Lulju, 2013. Ifisser ukoll li meta l-appellant attenda għas-seduta ta' nhar il-31 ta' Ottubru, 2013 bl-intenzjoni li jressaq id-difiża tiegħu u jittratta l-każ miġjub kontrih, il-kundanna fil-konfront tiegħu kienet lesta u kien għalhekk li lanqas biss ingħata l-opportunità li jittratta l-każ tiegħu. Il-ġustizzja mhux biss trid issir iżda trid ukoll tidher li qiegħda issir – ħaġa li hija għal kollox mankanti f'dan il-każ ladarba huwa ċar li l-kundanna fil-konfront ta' l-esponenti kienet lesta qabel ma ppreżenta d-difiża tiegħu.

1.6. Għal dawn ir-raġunijiet l-appellanti jsostni li s-sentenza appellata hija nulla u għalhekk għandha tiġi revokata.

2. It-tieni aggravju

2.1. Fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-appellant jissotometti wkoll illi l-akkuża kif dedotta fil-konfront tiegħu ma tissustix u ma ġietx ippruvata sal-grad li tirrikjedi l-liġi u dana għar-raġuni sempliċi li fil-waqt li huwa ġie akkużat li ġab ruħu b'mod illi ta fastidju lil Nazzareno Gauci fid-data ta' nhar id-**29 ta' Diċembru, 2012 għall-ħabta tat-8.30 a.m.** dan huwa manifestament żbaljat għaliex kemm ir-rapport eżebit mill-prosekuzzjoni kif ukoll l-affidavit ta' PS 300 Alfred Abela jgħidu u jikkonfermaw illi l-inċident mertu tal-proċeduri odjerni seħħ nhar it-**2 ta' Diċembru, 2012 għall-ħabta tat-8.30 a.m.**.

2.2. Għalhekk ladarba jirriżulta mill-provi tal-prosekuzzjoni stess illi l-allegat rejat ma seħħx fid-data ndikata mill-prosekuzzjoni fl-akkuża iżda f'data oħra, il-prosekuzzjoni ma ppruvatx l-akkuża miġjuba minnha fil-konfront ta' l-appellant sal-grad rikjest mil-liġi u l-appellant kellu jiġi liberat minn kull imputazzjoni u ħtija.

3. It-tielet aggravju

3.1. Fil-mertu wkoll u dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, l-appellant isostni li f'kull każ, l-att li minnu lmenta Nazzareno Gauci ma jinkwadrax ruħu fir-reat ta' fastidju kontemplat mill-artikolu 251A (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3.2. Nazzareno Gauci lmenta u irraporta l-Għassa tal-Pulizija tal-Mosta li l-appellant kien qiegħed fir-razzett tiegħu u ħaraq xi injam. L-appellant stqarr mal-Pulizija illi huwa kien qiegħed jaħraq xi injam li qata' mis-siġar tiegħu stess.

3.3. L-appellant isostni li l-fatt li huwa jkun qiegħed fi ħwejġu jaqta', jiżbor u jindokra s-siġar tiegħu u jaħraq iz-zkuk li jkun qata' bl-ebda mod ma jinkwadra ruħu taħt ir-reat ta' fastidju ossija "harassment" kontemplat mil-liġi senjatament l-artikolu 251A (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3.4. Fin-nuqqas ta' definizzjoni espressa fil-liġi ta' x'jikkwalifika bħala "fastidju", il-ġurisprudenza ta' dina l-Onorabbli Qorti stabbiliet linji gwida ċarissimi. Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Massimo Tivisini** deċiż nhar is-27 ta' Frar, 2009, intqal dan li ġej rigward ir-reat ta' fastidju:

*Illi ghalkemm, kif jissottometti l-appellant, it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz 'Harassment') gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- "Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b'riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: Il- Pulizija vs. Alan Caruana Carabez [21.6.07]:- "...f'kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq perjodu ta' zmien.*

[...]

*Illi r-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliz 'harassment') gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 w inkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 251C u 251D tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruhha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b'mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna.* [...] *Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruhha b'mod dubjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata' ('alarming') jew idejjaq ('causing...distress') lill-persuna.*

[...]

*Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ('alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew 'harassment'. Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwit jinbtu minn relazzjonijiet interpersonali komplikati u delikati.*

*Din il-Qorti zzid dan li gej. L-artikolu (251A tal-Kap 9) huwa msejjes fuq l-ewwel zewg artikoli tal-Protection of Harassment Act 1997 li jibda bil-kelmiet: 'A person must not pursue a course of conduct' li fil-ligi taghna hekk: 'Persuna li ggib ruhha'. Skont l-Archbold: 'Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely it is that they should be described as 'a course of conduct'. (Lau v DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC).*

*In Pratt vs DPP, 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute where there was only a small number of incidents relied upon. On the facts, it was held that two incidents, three months apart, in the first of which the defendant threw a beaker of water at his wife, and in the second of which he chased her round the house, swearing and repeatedly questioning her, were close to the line, but the conviction could be sustained where the incidents took place against a background of an undertaking having been given in civil proceedings by the defendant not to use or threaten violence against his wife, nor to harass or pester her. Under section 1(2), the test is entirely objective; the reasonable man is not to be imbued with the peculiar characteristics of the*

*offender, such as his mental illness; and the test is section 1(30)(c) is even more clearly objective: R v Colohan".*

*Illi, skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, sabiex jissussisti r-reat ta' fastidju irid ikun hemm kontinwita' jew ripetizzjoni ta' incident u mhux incident wiehed.*

3.5. L-appellant isostni li l-fatt li huwa ħaraq xi ftit zkuk ta' siġar meta kien qiegħed jaqta', jiżbor u jindokra siġar fi ħwejġu ma jista' jammonta qatt għal fattispjeċe tar-reat ta' fastidju għaliex kjarament il-liġi ma tridx tipprojbixxi sitwazzjonijiet bħal dawn. Il-liġi ċertament ma tridx li twaqqaf lis-sid ta' proprjetà kampestri milli jagħmel użu minn dik il-proprjetà skont id-destinazzjoni tagħha.

4. Ir-raba' aggravju

4.1. Fil-mertu wkoll u mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti, anke kieku fil-pessima ipoteżi dina l-Onorabbli Qorti kellha tikkunsidra l-att li minnu lmenta Nazzareno Gauci bħala li jista' jinkwadra ruħu taħt il-fattispjeċe tar-reat ta' fastidju, xorta waħda jibqa' l-fatt illi l-prosekuzzjoni ma ppruvat ebda "course of conduct" kif meħtieġ skond il-ġurisprudenza.

4.2. Fil-fatt, il-prosekuzzjoni ma allegat ebda "course of conduct" iżda ħarġet l-akkuża fuq inċident wieħed li dwaru rraporta Nazzareno Gauci (iżda b'data ħażina).

4.3. Kif ġjà ingħad il-ġurisprudenza tgħid illi *'Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely it is that they should be described as 'a course of conduct'.* F'dan il-każ irriżulta ampjament li l-inċident kien wieħed sporadiku u Nazzareno Gauci lmenta minnu għaliex, skont il-verżjoni tiegħu, dak in-nhar ta' l-inċident ir-riħ kien jagħti lejn id-dar tiegħu.

4.4. Allura f'dan il-każ, altru milli hemm "course of conduct" iżda semmai hemm kumbinazzjoni li meta l-appellant, fost ġranet oħra, kien qiegħed jagħmel xogħol fi ħwejġu

ħaraq ftit zkuk tas-siġar li kien għadu kemm qata' u allegatament ir-riħ kien jagħti lejn id-dar ta' Nazzareno Gauci.

4.5. Il-ġurisprudenza tgħallem illi jrid ikun hemm "course of conduct" u dana irid jiġi soddisfaċentement ippruvat. Dan il-"course of conduct" irid ikun "targeted at an individual". Fis-sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar l-14 ta' Mejju, 2012 fl-ismijiet il-**Pulizija v. Carmelo Vella** ġie ritenut illi *in 'Thomas vs News Group Newspaper Ltd and anor, The Times, July 25th 2001, CA (Civ.Div) it was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual which was calculated to produce alarm or distress and which was opp*ressive *and unreasonable*. Fil-każ odjern, Nazzareno Gauci qatt ma jista' jgħid u qatt ma jista' jipprova li l-fatt li l-esponenti ħaraq xi zkuk kienet "targeted" lejh għaliex fil-fatt mhux hekk.

4.6. B'żieda ma' dan kollu u kif ingħad ukoll fis-sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar l-14 ta' Mejju, 2012 fl-ismijiet il-**Pulizija v. Carmelo Vella** għalkemm ċertu għemil jista' jdejjaq lill-persuna b'daqshekk ma jfissirx li huwa fastidju jew li hemm "course of conduct".

4.7. Ulterjorment jiġi rilevat li PS 300 Alfred Abela mkien ma jgħid fl-affidavit tiegħu li x'ħin mar ir-razzett ta' l-appellant kien hemm xi riħa ta' ħruq aħseb u ara riħa ta' ħruq li tikkaġuna fastidju!

4.8. Lanqas ix-xhieda mogħtija mix-xhieda l-oħra miġjuba mill-prosekuzzjoni ma twassal għal sejbien ta' ħtija tar-reat ta' fastidju u dana għaliex fl-ewwel lok, il-kreddibilità ta' uħud mix-xhieda hija ferm dubjuża tenut kont li jiġi minn Nazzareno Gauci filwaqt li x-xhieda ta' l-oħrajn hija nattendibbli għaliex ma xehdux fuq il-mertu ta' dina l-kawża iżda allegatament fuq xi "ħruq ta' demel" li l-esponenti kategorikament jiċħad li għamel huwa anke għaliex mhijiex prattika jew parti mix-xogħol tar-raba' li jinħaraq id-demel. Semmai tali verżjoni ġġib fix-xejn il-verżjoni l-oħra mogħtija minn Nazzareno Gauci.

4.9. Għalhekk anke għal dak li huwa l-mertu, l-akkuża miġjuba kontra l-appellant ma treġix.

5. Il-ħames aggravju

5.1. Finalment l-appellanti jirrileva illi f'kull każ huwa ma kellu l-ebda intenzjoni kriminuża għaliex la ħaseb u lanqas ried jiffastidja lil ħadd, lanqas kien jaf jew seta' jkun jaf li b'xi mod Nazzareno Gauci seta' jħoss ruħu ffastidjat. L-appellant kull ma ried u kull ma jrid huwa li jinqeda leġittimament bi ħwejġu skont id-destinazzjoni tagħhom. Huwa għandu razzett b'xi ftit raba' u ftit siġar u meta jiżbor u jaqta' z-zkuk ħżiena tas-siġar jaħraqhom għaliex huwa normali li dan isir minn min jieħu ħsieb ir-raba'. Huwa għandu wkoll forn tal-ħatab fir-razzett tiegħu li jużah ukoll biex isajjar. Dan huwa użu leġittimu u l-imġieba tiegħu, f'dawn iċ-ċirkostanzi, hija raġjonevoli skont ma jiddisponi l-artikolu 251A(3)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid jiġi wkoll ikkunsidrat għal dawn il-finijiet illi Nazzareno Gauci mar joqgħod fil-proprjetà tiegħu konxju tal-fatt li quddiemu hemm xi raba' u ir-razzett ta' l-appellant fi żmien wara li l-appellant kien akkwista r-razzett tiegħu.

5.2. Għalhekk l-appellant kellu jiġi liberat kemm għaliex ma kellu l-ebda intenzjoni kriminuża kif ukoll minħabba l-fatt li l-imġieba tiegħu hija raġjonevoli.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Preliminarjament, jigi rilevat li l-kawza quddiem l-ewwel Qorti kienet wahda sommarja. Dan ifisser illi x-xhieda ta' dawk li xehedu ma gietx traskrittta u ghalhekk din il-Qorti kellha tisma x-xhieda mill-gdid.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu li l-ewwel Qorti ma ppronunzjatx is-sentenza a bzi tal-artikolu 377(1) tal-Kodici Kriminali u ghalhekk hija nulla. Huwa veru li fuq ic-citazzjoni hemm miktuba bil-kalligrafija tal-Magistrat u hemm miktuba d-data tal-10 ta' Lulju, 2013. Illi fil-verbal tas-seduta tal-10 ta' Luju, 2013 ma hemm ebda ndikazzjoni li giet pronunzjata s-sentenza meritu ta' dan l-appell.

Illi jirrizulta li fis-seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013 hemm il-verbal tas-seduta li jindika li dak in-nhar giet pronunzjata s-sentenza.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti dawk in-notamenti misjuba fic-citazzjoni b'data partikolari ma jindikawx li nghatat xi sentenza fid-data miktuba. Is-sentenza nghatat fil-31 ta' Ottubru, 2013 regolarment u a tenur tal-artikolu 377(1) tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk, l-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa michud.

Illi t-tieni aggravju tal-appellant jirrigwarda diskrepanza fid-data meta gara l-incident.

Illi l-incident meritu ta' dan l-appell gara fit-2 ta' dicembru, 2012. Dan jirrizulta mill-okkorrenza ezebita, kif ukoll mill-affidavit ta' PS300 Alfred Abela. Fic-citazzjoni hemm indikata d-data tad-29 ta' Dicembru, 2012. Min imkien ma jirrizulta li l-prosekuzzjoni talbet il-korrezzjoni ta' din id-data. Jirrizulta mix-xhieda ta' Nazzareno Gauci (fol. 56) li hu harrek lill-appellant specifikament ghad-data ta' meta gara l-incident, jigifieri ghat-2 ta' Dicembru, 2012.

Illi mill-kumplament tax-xhieda prodotti had minnhom ma jidentifika l-incident partikolari ta' dak in-nhar.

Illi fic-cirkostanzi huwa car li dan l-aggravju tal-appellant ghandu jigi milqugh u ma hemmx il-htiega li din il-Qorti tezamina l-aggravji l-ohra.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tilqa l-appell ta' l-appellant Emanuele Micallef. Tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u tehles minn kull htija u piena lil Emanuele Micallef.